

Brussell, 14 ta' Jannar 2026  
(OR. en)

16668/25  
PV CONS 69  
TRANS 637  
TELECOM 471  
ENER 669  
*PARLNAT*

**ABBOZZ TA' MINUTI**  
KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA  
(Trasport, Telekomunikazzjoni u Enerġija)  
4 u 5 ta' Diċembru 2025

## LAQGĦA TAL-ĦAMIS 4 TA' DIĊEMBRU 2025

### 1. Adozzjoni tal-aġenda

Il-Kunsill adotta l-aġenda kif tinsab fid-dokument 16020/25.

## TRASPORT

### Deliberazzjonijiet leġiżlattivi


**(Deliberazzjoni pubblika f'konformità mal-Artikolu 16(8) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea)**

Fuq l-art

2. **Direttiva li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 96/53/KE li tistabbilixxi għal ċerti vetturi tat-triq id-dimensjonijiet massimi awtorizzati u l-piżijiet massimi awtorizzati**  15611/25 + ADD 1 REV 2  
*Approċċ ġenerali*

Il-Kunsill laħaq approċċ ġenerali dwar id-Direttiva li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 96/53/KE li tistabbilixxi għal ċerti vetturi tat-triq id-dimensjonijiet massimi awtorizzati u l-piżijiet massimi awtorizzati kif stipulat fid-dokumenti ta' hawn fuq.

Il-Belġju, il-Ġermanja u l-Portugall flimkien ma' Spanja ppreżentaw dikjarazzjonijiet, kif jinsabu fl-Anness.

3. **Pakkett tal-affidabbiltà stradali** 
- a) **Direttiva dwar testijiet perjodiċi tal-affidabbiltà stradali (li temenda d-Direttiva 2014/45/UE) u dwar l-ispezzjonijiet tekniċi mal-ġenb tat-triq (li temenda d-Direttiva 2014/47/UE)** 15613/25 + ADD 1
- b) **Direttiva dwar id-dokumenti ta' reġistrazzjoni għall-vetturi u d-data ta' reġistrazzjoni tal-vetturi (li tħassar id-Direttiva 1999/37/KE)** 15615/25 + ADD 1-2 + ADD 3 REV 1  
*Approċċ ġenerali*

Il-Kunsill laħaq approċċ ġenerali dwar iż-żewġ proposti tal-pakkett dwar l-affidabbiltà stradali kif jinsabu fid-dokumenti ta' hawn fuq.

Il-Belġju, il-Ġermanja u l-Latvja ppreżentaw dikjarazzjonijiet, kif jinsabu fl-Anness.

#### 4. Approvazzjoni tal-punti "A"

##### Lista mhux leġislattiva

16129/25

Il-Kunsill adotta l-punti "A" kollha elenkati fid-dokument imsemmi hawn fuq, inkluż id-dokumenti lingwistiċi COR u REV kollha ppreżentati għall-adozzjoni.

#### Affarijiet oħra

5. a) Is-sitwazzjoni attwali tal-Qafas ta' Emissjonijiet Żero Netti tal-OMI  
*Informazzjoni mill-Presidenza* 15937/1/25 REV 1

- b) **Proposti leġislattivi attwali** (Deliberazzjoni pubblika f'konformità mal-Artikolu 16(8) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea)



**Regolament li jistabbilixxi l-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa**  
*Informazzjoni mill-Presidenza*

11711/25 + ADD 1

Il-Kunsill ħa nota tal-informazzjoni pprovduta mill-Presidenza.

- c) **Dikjarazzjoni tal-Presidenza dwar "Nagħmlu l-Ferroviji Kompetittivi Billi Naqtgħu l-Ispejjeż Tekniċi u Amministrattivi Permezz tal-Armonizzazzjoni u l-Iskjerament Ewropej"**  
*Informazzjoni mill-Presidenza*



16111/25

Il-Kunsill ħa nota tal-informazzjoni pprovduta mill-Presidenza.

- d) **Proposti leġislattivi attwali** (Deliberazzjoni pubblika f'konformità mal-Artikolu 16(8) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea)



**Pakkett dwar il-mobbiltà militari**  
*Preżentazzjoni mill-Kummissjoni*



15793/25

15794/25 + ADD 1


Il-Kunsill ħa nota tal-preżentazzjoni mill-Kummissjoni.

- e) **Pjan ta' investment għat-trasport sostenibbli**  15021/25  
*Informazzjoni mill-Kummissjoni*

Il-Kunsill ħa nota tal-informazzjoni pprovduta mill-Kummissjoni.

- f) **Proposti leġislattivi attwali** (Deliberazzjoni pubblika f'konformità mal-Artikolu 16(8) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea)  
- i) **Regolament dwar il-kontabbiltà tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra tas-servizzi tat-trasport** 11821/23
- ii) **Regolament dwar id-drittijiet tal-passiġġieri tal-ajru** 7615/13
- iii) **Regolament dwar l-infurzar tad-drittijiet tal-passiġġieri fl-Unjoni** 16284/23 +ADD 1
- iv) **Regolament dwar id-drittijiet tal-passiġġieri fil-kuntest tal-vjaġġi multimodali** 16307/23 + ADD 1
- v) **Regolament dwar l-użu tal-kapaċità infrastrutturali ferrovjarja fiż-żona ferrovjarja unika Ewropea, li jemenda d-Direttiva 2012/34/UE u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 913/2010** 11718/23 + ADD 1
- vi) **Emenda mmirata tad-Direttiva 1999/62/KE dwar l-Eurovignette** 10936/25  
*Informazzjoni mill-Presidenza*

Il-Kunsill ħa nota tal-informazzjoni pprovduta mill-Presidenza.

- g) **Djalogu ta' Livell Għoli li jmiss fil-Grupp ta' Interess Komuni għall-Ukrajna (CIG4U) tal-ITF kif ukoll l-istabbiliment ta' Fond ta' Appoġġ għat-Trasport tal-Ukrajna (UTSF) fil-qafas ta' din l-inizjattiva (Stokkolma, 17 ta' Frar 2026)**  15704/25  
*Informazzjoni mill-Iżvezja*

Il-Kunsill ħa nota tal-informazzjoni pprovduta mill-Iżvezja.

- h) Sejħa għal azzjoni rigward l-effetti negattivi tal-estensjoni uniformi tal-EU ETS għas-servizzi tat-trasport marittimu** 16016/1/25 REV 1  
*Informazzjoni mill-Greċja, l-Italja u Malta*

Il-Kunsill ħa nota tal-informazzjoni pprovduta mill-Greċja, l-Italja u Malta.

- i) Dikjarazzjoni konġunta dwar l-Isfidi tal-infrastruttura tal-iċċarġjar tal-vetturi tqal** 15859/25  
*Informazzjoni mill-Bulgarija, iċ-Ċekja, l-Estonja, il-Finlandja, l-Italja, il-Latvja, il-Polonja, ir-Rumanija, is-Slovakkja u l-Ungerija*

Il-Kunsill ħa nota tal-informazzjoni pprovduta mill-Bulgarija, iċ-Ċekja, l-Estonja, il-Finlandja, l-Italja, il-Latvja, il-Polonja, ir-Rumanija, is-Slovakkja u l-Ungerija.

- j) Appoġġ għad-domanda għal vetturi elettriċi permezz ta' regoli ambizzjużi dwar l-ekoloġizzazzjoni tal-flotot korporattivi** 16138/25  
*Informazzjoni minn Franza*

Il-Kunsill ħa nota tal-informazzjoni pprovduta minn Franza.

- k) Politika Ewropea għall-Apparati ta' Mobbiltà Personali** 16092/1/25 REV 1  
*Informazzjoni min-Netherlands, appoġġati mill-Belġju, iċ-Ċekja, il-Finlandja, il-Ġermanja, il-Greċja, l-Irlanda, il-Latvja, il-Litwanja, il-Lussemburgu, il-Polonja, il-Portugall, ir-Rumanija, is-Slovakkja, is-Slovenja u l-Ungerija*

Il-Kunsill ħa nota tal-informazzjoni min-Netherlands, appoġġati mill-Belġju, iċ-Ċekja, il-Finlandja, il-Ġermanja, il-Greċja, l-Irlanda, il-Latvja, il-Litwanja, il-Lussemburgu, il-Polonja, il-Portugall, ir-Rumanija, is-Slovakkja, is-Slovenja u l-Ungerija.

- l) Pjan ta' azzjoni għall-ferroviji ta' veloċità għolja** 14984/25  
*Informazzjoni mill-Kummissjoni*

Il-Kunsill ħa nota tal-informazzjoni pprovduta mill-Kummissjoni.

- m) **Arena tar-Riċerka dwar it-Trasport 2026** 15850/25  
(Budapest, 18-21 ta' Mejju 2026)  
*Informazzjoni mill-Ungerija*

Il-Kunsill ħa nota tal-informazzjoni pprovduta mill-Ungerija.

- n) **L-avvanz tas-simplifikazzjoni amministrattiva u t-tisħiħ tas-sigurtà fis-settur tad-droni ċivili** 16054/2/25 REV 2  
*Informazzjoni mill-Belġju, il-Bulgarija, iċ-Ċekja, l-Estonja, il-Greċja, il-Kroazja, il-Latvja, il-Litwanja, il-Lussemburgu, Malta, il-Polonja, ir-Rumanija, is-Slovakkja, is-Slovenja u Spanja*

Il-Kunsill ħa nota tal-informazzjoni pprovduta mill-Belġju, il-Bulgarija, iċ-Ċekja, l-Estonja, il-Greċja, il-Kroazja, il-Latvja, il-Litwanja, il-Lussemburgu, Malta, il-Polonja, ir-Rumanija, is-Slovakkja, is-Slovenja u Spanja.

- o) Tfixkil ripetut tal-avjazzjoni ċivili kkawżat minn ingeni tal-ajru mingħajr bdot abbord (droni) u blalen tal-arja tal-kuntribandu li joriġinaw minn pajjiżi terzi 15777/1/25 REV 1  
*Informazzjoni mill-Belġju, l-Estonja, il-Finlandja, il-Latvja, il-Litwanja u l-Polonja*
- p) L-iżgurar ta' kundizzjonijiet ġusti u reżiljenti għas-settur ferrovjarju Ewropew 16103/1/25 REV 1  
*Informazzjoni mill-Awstrija u Franza, appoġġati mill-Kroazja u l-Portugall*
- q) Programm ta' ħidma tal-Presidenza li jmiss  
*Informazzjoni minn Ċipru*

**TELEKOMUNIKAZZJONI**

**Attivitajiet mhux leġiżlattivi**

6. **Konklużjonijiet dwar il-Kompetittività Ewropea fid-Deċennju Diġitali**  15143/1/25 REV 1  
*Approvazzjoni*

Il-Kunsill approva "Konklużjonijiet dwar il-Kompetittività Ewropea fid-Deċennju Diġitali". Il-ministri intervjenew biex joffru appoġġ sħiħ, fejn Franza fakkret fil-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew tat-23 ta' Ottubru 2025 u saħqet li, filwaqt li twarrab sentimenti ta' iżolament jew protezzjoniżmu, jeħtieġ li l-UE tiċċara x-xewqa tagħha li tnaqqas id-dipendenzi u żżid l-awtonomija strateġika tagħha, kemm għal finijiet ta' kompetittività kif ukoll ta' sigurtà, u b'hekk tirrifletti b'mod aktar xieraq din il-pożizzjoni fl-espressjonijiet tagħha.



7. **Simplifikazzjoni u diġitalizzazzjoni: It-tnaqqis tal-piżijiet għan-negozji fil-qasam diġitali**  15145/1/25 REV 1  
*Skambju ta' fehmiet*

Il-Kunsill kellu skambju ta' fehmiet dwar is-simplifikazzjoni u d-diġitalizzazzjoni: it-tnaqqis tal-piżijiet għan-negozji fil-qasam diġitali.

8. **L-infurzar tal-Att dwar is-Servizzi Diġitali fuq il-pjattaformi online u l-kummerċ elettroniku**  15594/25  
*Skambju ta' fehmiet*

Il-Kunsill kellu skambju ta' fehmiet dwar l-infurzar tal-Att dwar is-Servizzi Diġitali fuq il-pjattaformi online u l-kummerċ elettroniku.

**Affarijiet oħra**

9. a) **Proposti leġiżlattivi attwali** (Deliberazzjoni pubblika f'konformità mal-Artikolu 16(8) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea)  

**Il-Kartieri Ewropej tan-Negozju**  
*Informazzjoni mill-Presidenza*

15701/25 + ADD 1

Il-Kunsill ħa nota tal-informazzjoni pprovduta mill-Presidenza.

- b) **Mudell ta' finanzjament tal-awtorità regolatorja nazzjonali li jqis ir-responsabbiltajiet diġitali estżi**  16095/25  
*Informazzjoni mill-Portugall*

Il-Kunsill ħa nota tal-informazzjoni pprovduta mill-Portugall.

- c) **Dikjarazzjoni dwar is-Sovranità Digitali Ewropea** 15781/25  
*Informazzjoni mill-Awstrija*

Il-Kunsill ħa nota tal-informazzjoni pprovduta mill-Awstrija.

- d) **Summit dwar is-Sovranità Digitali Ewropea** 16186/25  
**(Berlin, 18 ta' Novembru 2025)**  
*Informazzjoni minn Franza u l-Ġermanja*

Il-Kunsill ħa nota tal-informazzjoni pprovduta minn Franza u l-Ġermanja.

- e) **Eżiti tad-diskussjonijiet matul il-laqgħa informali tal-** 15875/25  
**Ministri għat-Telekomunikazzjoni**  
**(Horsens, 9-10 ta' Ottubru 2025)**  
*Informazzjoni mill-Presidenza*

Il-Kunsill ħa nota tal-informazzjoni pprovduta mill-Presidenza.

- f) **Roaming mal-Ukrajna, il-Moldova u l-Balkani tal-** 16021/25  
**Punent - is-sitwazzjoni attwali**  
*Informazzjoni mill-Presidenza*

Il-Kunsill ħa nota tal-informazzjoni pprovduta mill-Presidenza.

- g) **Inizjattivi internazzjonali fil-qasam diġitali** 16048/25  
*Informazzjoni mill-Kummissjoni*

Il-Kunsill ħa nota tal-informazzjoni pprovduta mill-Kummissjoni.

- h) **Eżerċizzju dwar Pjan ta' Azzjoni Ċibernetiku** 16022/25  
*Informazzjoni mill-Presidenza*

Il-Kunsill ħa nota tal-informazzjoni pprovduta mill-Presidenza.

- i) **Imblukkar u spoofing tas-Sistema Globali ta'** 15986/25  
**Navigazzjoni bis-Satellita (GNSS): lejn sigurtà u**  
**protezzjoni mtejba**  
*Informazzjoni miċ-Ċekja, l-Estonja, il-Finlandja, il-*  
*Ġermanja, il-Latvja, il-Litwanja, il-Polonja, is-Slovakkja,*  
*is-Slovenja u Spanja*

Il-Kunsill ħa nota tal-informazzjoni pprovduta miċ-Ċekja, l-Estonja, il-Finlandja, il-Ġermanja, il-Latvja, il-Litwanja, il-Polonja, is-Slovakkja, is-Slovenja u Spanja. Il-Bulgarija esprimiet bil-fomm l-appoġġ tagħha għal dan il-punt.

- j) Kontrodroni: il-kontribut tat-teknoloġġi diġitali għall-protezzjoni ta' infrastruttura kritika  
*Informazzjoni mill-Kummissjoni* 16128/25
- k) Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill li tawtorizza l-appoġġ mir-Riżerva tal-UE għaċ-Ċibersigurtà għall-Moldova  
*Informazzjoni mill-Presidenza* 16032/1/25 REV 1
- l) Programm ta' ħidma tal-Presidenza li jmiss  
*Informazzjoni minn Ċipru*

- 
- L-ewwel qari
- Punt ibbażat fuq proposta tal-Kummissjoni
- Dibattitu pubbliku propost mill-Presidenza (l-Artikolu 8(2) tar-Regoli ta' Proċedura tal-Kunsill)
-

**Dikjarazzjonijiet għall-punti leġislattivi "B" li jinsabu fid-dokument 16020/25**

**Dwar il-punt "B"**  
**nru 2:**

**Direttiva li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 96/53/KE li tistabbilixxi għal ċerti vetturi tat-triq id-dimensjonijiet massimi awtorizzati u l-piżijiet massimi awtorizzati**  
*Approċċ ġenerali*

**DIKJARAZZJONI MILL-BELĠJU**

"Il-Belġju jappoġġa l-approċċ ġenerali ppreżentat mill-Presidenza Daniża, għalkemm għad għandna riżervi serji dwar l-impatt fuq l-infrastruttura. L-appoġġ tal-Belġju għall-kompromess finali milħuq bejn il-koleġislaturi ser jiddependi fuq jekk dan it-tfassil jitqiesx. Il-prijorità tal-Belġju hija li n-negożjati mal-Parlament Ewropew jibdew malajr kemm jista' jkun. Ir-reviżjoni tad-Direttiva dwar il-Piżijiet u d-Dimensjonijiet hija tappa essenzjali fid-dekarbonizzazzjoni tat-trasport bit-triq u l-armonizzazzjoni tiegħu fl-Unjoni Ewropea.

B'mod partikolari, ir-reviżjoni għandha l-għan li tarmonizza u ssaħħaħ il-qafas Ewropew attwali għall-vetturi tqal tal-merkanzija tagħna u l-kompetittività tal-operazzjonijiet intermodali u l-vetturi b'emissjonijiet zero. Dan ifisser, b'mod partikolari, li jiżiedu l-limiti massimi tal-piż għal ċerti kombinazzjonijiet ta' vetturi filwaqt li jiġi limitat l-impatt ta' vetturi itqal fuq l-infrastruttura. Matul id-diskussjonijiet, il-Belġju, bħal Stati Membri oħra, argumenta li d-dispożizzjonijiet tad-direttiva l-għdida jeħtieġ li jkunu kumpatibbli mal-preservazzjoni tat-toroq u l-pontijiet tagħna. F'dan ir-rigward, il-Belġju jilqa' ż-żamma tal-formula tranżitorja fl-abbozz ta' approċċ ġenerali. Madankollu, għad hemm riżervi dwar il-limitu tal-piż għall-vetturi tridem, li ma joffrux il-garanziji meħtieġa biex jillimitaw l-impatt fuq l-infrastruttura fil-kompromess attwali. Il-Belġju qasam proposta alternattiva f'dan ir-rigward u jittama li din titqies fin-negożjati li ġejjin.

Il-Belġju jixtieq jibqa' sieħeb kostruttiv u ser jagħti l-appoġġ sħiħ tiegħu matul il-fażi li jmiss tan-negożjati."

**DIKJARAZZJONI MILL-ĠERMANJA**

"Dwar l-approċċ ġenerali dwar il-propostali temenda d-Direttiva 96/53/KE li tistabbilixxi għal ċerti vetturi tat-triq li jiċċirkolaw fi ħdan il-Komunità d-dimensjonijiet massimi awtorizzati fit-traffiku nazzjonali u internazzjonali u l-piżijiet massimi awtorizzati fit-traffiku internazzjonali.

Il-Gvern Federali jilqa' l-kompromess milħuq u jaqbel mal-approċċ ġenerali. Id-deliberazzjonijiet iffukaw fuq l-oġġettivi ewlenin: is-simplifikazzjoni tad-Direttiva filwaqt li fl-istess ħin tiġi appoġġata l-adozzjoni ta' vetturi b'emissjonijiet zero. L-approċċ ġenerali jenfasizza b'mod ċar il-promozzjoni ta' vetturi b'emissjonijiet zero filwaqt li jqis l-impatt fuq l-infrastruttura, peress li dawn il-vetturi għandhom karatteristiċi tekniċi partikolari. Fil-fehma tagħna, it-test jilħaq bilanċ tajjeb bejn dawn iż-żewġ aspetti.

Barra minn hekk, il-Gvern Federali jagħmel id-dikjarazzjoni li ġejja.

Għal vetturi artikulati itwal b'tul ta' 17.88 m jew aktar, il-Gvern Federali jixtieq isib ftehim mal-Ewropa kollha minflok soluzzjonijiet nazzjonali iżolati. Fir-rigward tal-għażla li jiġu awtorizzati servizzi shuttle bl-użu ta' vetturi artikulati itwal fil-livell nazzjonali, il-Gvern Federali jqis li huwa essenzjali li jinħolqu inċentivi addizzjonali għal investimenti f'vetturi b'emissjonijiet żero"

## **DIKJARAZZJONI KONĠUNTA MINN SPANJA U L-PORTUGALL**

"Spanja u l-Portugall jixtiequ jesprimu l-apprezzament tagħhom għall-isforzi li saru mill-Presidenza biex tavvanza n-negozjati dwar ir-reviżjoni tad-Direttiva dwar il-Piżijiet u d-Dimensjonijiet. Nirrikonoxxu l-elementi pożittivi fit-test propost, b'mod partikolari d-dispożizzjonijiet li jappoġġaw l-użu ta' vetturi b'emissjonijiet żero, li nilqgħu b'sodisfazzjon kbir.

Fl-istess ħin, nibqgħu mħassba li l-kompromess ma jindirizzax biżżejjed objettiv fundamentali tar-reviżjoni: l-iżguraw ta' Suq Uniku li jiffunzjona tajjeb permezz tal-armonizzazzjoni tal-operazzjonijiet transfruntiera. Il-proposta inizjali tal-Kummissjoni offriet qafas ibbilanċjat, li jirrispetta l-kompetenza tal-Istati Membri li jippermettu żieda minn 40 għal 44 tunnellata domestikament filwaqt li jiżguraw li, jekk tittieħed deċiżjoni bħal din, l-istess limitu jkun japplika għat-trasport internazzjonali. Din is-salvagwardja kienet essenzjali biex tiġi evitata l-frammentazzjoni u jiġu żgurati kundizzjonijiet operattivi ugwali madwar l-Unjoni.

Billi tiġi limitata l-applikazzjoni transfruntiera ta' limiti tal-piż oġhla esklużivament għal vetturi heavy-duty b'emissjonijiet żero — li l-preżenza tagħhom fil-flotta għadha limitata ħafna — hemm riskju li l-kompromess attwali jdgħajjef l-objettiv ta' armonizzazzjoni tad-Direttiva. Jekk l-operazzjonijiet ta' 44 tunnellata jiġu awtorizzati domestikament iżda ma jkunux permessi b'mod konsistenti għat-trasport internazzjonali, l-operaturi ser jiffaċċjaw kundizzjonijiet mhux ugwali u ineffiċjenti, li jimminaw il-funzjonament tas-Suq Uniku.

Barra minn hekk, il-benefiċċji ekonomiċi u ambjentali ta' operazzjonijiet ta' 44 tunnellata jkunu ristretti bla bżonn. It-tħaddim ta' 44 tunnellata jnaqqas l-għadd ta' vjaġġi meħtieġa għall-istess volum ta' merkanzija, iżid l-effiċjenza loġistika, u jnaqqas l-emissjonijiet meta mqabbel mal-limitu ta' 40 tunnellata. Dan jista' jgħin ukoll biex jittaffa n-nuqqas ta' sewwieqa li jolqot is-settur. Dawn il-vantaġġi huma partikolarment rilevanti għall-Peniżola Iberika, fejn konnettività limitata tat-trasport tal-merkanzija bil-ferrovija mal-bqija tal-Ewropa żżid id-dipendenza fuq it-trasport bit-triq u tagħmel it-titjib fl-effiċjenza ta' vetturi b'kapaċità oġhla partikolarment sinifikanti.

Fid-dawl ta' dawn il-kunsiderazzjonijiet, **Spanja u l-Portugall mhumieq f'pożizzjoni li jappoġġaw l-Approċċ Ġenerali propost. Iż-żewġ delegazzjonijiet jittamaw li n-negozjati mal-Parlament Ewropew ser jagħmluha possibbli li jinkiseb eżitu aktar konsistenti mal-prinċipji li jirfdu l-funzjonament tas-suq intern."**

### **Pakkett tal-affidabbiltà stradali**

#### **Dwar il-punt "B" nru 3:**

- a) **Direttiva dwar testijiet perjodiċi tal-affidabbiltà stradali (li temenda d-Direttiva 2014/45/UE) u dwar l-ispezzjonijiet tekniċi mal-ġenb tat-triq (li temenda d-Direttiva 2014/47/UE)**
- b) **Direttiva dwar id-dokumenti ta' reġistrazzjoni għall-vetturi u d-data ta' reġistrazzjoni tal-vetturi (li tħassar id-Direttiva 1999/37/KE)**

*Approċċ ġenerali*

### **DIKJARAZZJONI MILL-BELĠJU**

"Il-Belġju jappoġġa fil-biċċa l-kbira l-pakkett u japprova l-oġġettivi tiegħu rigward is-sikurezza fit-toroq, il-kwalità tal-arja, u t-tnaqqis tal-istorbju. Fl-istess ħin, aħna nqisu li t-test għandu juri livell oġhla ta' ambizzjoni.

Speċifikament, nixtiequ naraw inċentivi addizzjonali mhux vinkolanti u pożittivi biex ninvolvu ruġna fit-telerilevament, peress li din hija teknika effiċjenti u għalhekk huwa importanti li l-Istati Membri jiġu mħeġġa jagħmlu użu minnha.

Nappellaw ukoll għal aktar ambizzjoni rigward il-kwistjoni tal-frodi tal-odometru. Nemmu li approċċ aktar b'saħħtu jkollu impatt pożittiv dirett fuq miljuni ta' ċittadini tal-UE.

Fl-aħħar nett, nirrakkomandaw li jinżamm l-għan oriġinali taċ-ċertifikat temporanju tal-affidabbiltà stradali billi jiġi limitat l-użu tiegħu għaċ-ċittadini Ewropej li jirrisjedu barra mill-pajjiż u li jsuqu vetturi M1, aktar milli jiġi estiż għall-użu professjonali b'vetturi N1.

Il-Belġju jibqa' sieħeb kostruttiv u ser jagħti l-appoġġ sħiħ tiegħu matul il-fażi li jmiss tan-negożjati."

### **DIKJARAZZJONI MILL-ĠERMANJA**

"Rigward l-approċċ ġenerali dwar il-proposta għal Direttiva dwar id-dokumenti tar-reġistrazzjoni għall-vetturi u l-vetturi rreġistrati fir-reġistri nazzjonali tal-vetturi u li tħassar id-Direttiva tal-Kunsill 1999/37/KE ("id-Direttiva VRD").

Il-Gvern Federali jilqa' l-kompromess milħuq u jaqbel mal-approċċ ġenerali. Id-diġitalizzazzjoni tad-dokumenti tal-vetturi hija tħassib importanti li ser iġġib għajnuna notevoli liċ-ċittadini kif ukoll lill-ekonomija fuq terminu medju. Il-Gvern Federali jappoġġa wkoll l-introduzzjoni ta' rekwiżiti uniformi għar-reġistri nazzjonali tal-vetturi u r-regolamentazzjoni tal-iskambju tad-data.

Madankollu, f'każijiet definiti b'mod ċar, l-interess tal-Istat naturalment jisboq l-interess fl-armonizzazzjoni tal-iskambju ta' data bejn l-Istati Membri. Dan huwa l-każ meta l-ordni pubbliku jew is-sigurtà pubblika jintlaqtu.

Għalhekk jagħmel sens li d-Direttiva VRD tipprevedi eċċezzjonijiet għall-iskambju tad-data fl-Artikolu 15(1) preċiżament għal dawn il-każijiet - l-obbligu li tinġabar u tinħażen id-data ma jridx ikun ta' riskju għas-sigurtà tal-Istati Membri tal-UE.

Il-Gvern Federali għalhekk jilqa' l-fatt li l-vetturi kollha tal-awtoritajiet responsabbli għaż-żamma tal-ordni pubbliku u s-sigurtà pubblika huma eżentati mill-obbligu ta' skambju ta' data, inkluż dawk tal-forzi armati u tal-awtoritajiet doganali.

Barra minn hekk, il-Gvern Federali jifhem li l-Artikolu 15(1) ifisser li fil-prinċipju huwa f'idejn l-Istati Membri tal-UE li jiddefinixxu l-każijiet jew il-gruppi ta' każijiet rilevanti u li jivvalutaw jekk il-kundizzjonijiet għall-eżenzjoni humiex sodisfatti għal kull grupp ta' każijiet inġenerali. Għalhekk mhuwiex meħtieġ eżami skont il-każ speċifiku għall-vettura."

## **DIKJARAZZJONI MIL-LATVJA**

"Is-sikurezza fit-toroq hija waħda mill-prijoritajiet ewlenin tal-Latvja fil-qasam tal-politika tat-trasport. Għalhekk, il-Latvja tappoġġa bis-sħiħ l-oġettivi tal-Proposta, jiġifieri, li tikkontribwixxi għat-titjib tal-livell tas-sikurezza fit-toroq u l-ekoloġija, il-mobbiltà sostenibbli, kif ukoll il-moviment liberu tal-persuni u tal-merkanzija madwar l-Unjoni Ewropea. Dan huwa indikat mill-pożizzjoni tal-Latvja li tappoġġa elementi inklużi fil-proposta inizjali tal-Kummissjoni Ewropea, bħal testijiet aktar frekwenti tal-affidabbiltà stradali għal vetturi eqdem, testijiet obbligatorji tal-affidabbiltà stradali għall-muturi, it-tqegħid ta' vetturi kummerċjali ħfief (kategorija N1) taħt kontroll tekniku mal-ġenb tat-triq, kif ukoll metodi ġodda ta' kontroll tal-emissjonijiet (PN, NOx). Madankollu, biex il-proposta tilħaq l-oġettivi definiti, **il-qafas irid ikun ċar, u r-rekwiżiti jridu jaħdmu fil-prattika.**

Minħabba l-kooperazzjoni prammatika mal-Presidenza Daniża, Stati Membri oħra u l-Kummissjoni Ewropea, dwar għadd kbir ta' elementi tal-Proposta ġiet proposta soluzzjoni aċċettabbli. Madankollu, dwar xi kwistjonijiet li huma **importanti għal-Latvja**, il-bilanċ meħtieġ għadu ma nstax. Fid-dawl ta' dan ta' hawn fuq, il-Latvja tiġbed l-attenzjoni għal għadd ta' ostakli prattiċi fl-applikazzjoni tan-normi li jagħmluha diffiċli li tiġi appoġġata bis-sħiħ l-aħħar verżjoni ta' kompromess tal-Proposta.

Għalhekk, **fil-votazzjoni dwar l-approċċ ġenerali fil-Kunsill TTE tal-4 ta' Diċembru 2025 il-Latvja TASTJENI.**

Spjegazzjoni dettaljata tal-pożizzjoni tal-Latvja dwar il-punti fejn ma nistgħux nipprovdu appoġġ hija inkluża fl-Anness ta' din id-Dikjarazzjoni.

**Skadenzi għall-introduzzjoni ta' metodi ġodda ta' ttestjar tal-emissjonijiet:** Il-Latvja hija wieħed mill-ftit Stati Membri li adottaw proċedura ta' kejl tan-numru ta' partikoli (PN). L-iżvilupp tal-metodu ta' ttestjar, il-forniment tat-tagħmir meħtieġ fis-suq, kif ukoll it-taħriġ meħtieġ hađu għaxar snin. Bl-istess mod, għall-ittestjar ta' magni diżil ġodda u NOx (ossidi tan-nitroġenu), il-metodu, applikabbli fil-prattika f'kundizzjonijiet klimatiċi differenti fl-Ewropa, inkluż, u importanti fil-każ tal-Latvja - f'temperaturi taħt -10°C, għadu ma ġiex ippruvat. Għalhekk, il-Latvja hija mħassba dwar il-fattibbiltà li jiġi żviluppat metodu ta' ttestjar effettiv u applikabbli universalment fi żmien sentejn u tirrakkomanda perjodu tranżitorju ta' mill-inqas ħames snin wara l-approvazzjoni tal-metodu biex tiġi żgurata tnejnija prattika.

**Kontrolli perjodiċi u fit-triq tal-NOx:** Biex jiġu żgurati aspettattivi leġittimi, l-iskadenzi għall-implimentazzjoni tar-regoli, il-metodi u t-tagħmir għandhom ikunu identiċi kemm għat-testijiet tal-affidabbiltà stradali kif ukoll għall-ispezzjonijiet fit-triq. Għalhekk, il-Latvja tqis li huwa meħtieġ li jiġi previst perjodu tranżitorju wkoll għall-kontrolli tal-NOx ta' magni diżil matul l-ispezzjonijiet tekniċi fit-triq.

**Informazzjoni tal-manifatturi u kontroll fil-fond tas-sistemi elettroniċi bl-għodda ta' analiżi OBD (dijanostika abbord):** Il-Latvja tappoġġa li l-Proposta tinkoraġġixxi l-aġġornament tal-qafas fid-dawl tal-iżviluppi teknoloġiċi. Fl-istess ħin, biex tiġi żgurata verifika effettiva tar-rekwiżiti stabbiliti fil-Grupp 10 tal-Anness I (sistemi ta' sigurtà elettroniċi), il-Latvja tara l-ħtieġa li din it-teknoloġija tiġi implimentata gradwalment u li jiġi implimentat proġett pilota bħala l-ewwel pass, u wara dan ikunu jistgħu jiġu vvalutati l-fattibbiltà u l-effettività tat-teknoloġija ta' verifika. Il-Latvja tqis li huwa meħtieġ tagħmir ta' ttestjar apposta, li jiġi inkluż bħala rekwiżit fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Anness II u li tiġi stabbilita skadenza separata għall-implimentazzjoni ta' ħames snin.

**Limitu għall-valuri tan-numru ta' partikoli (PN):** Il-Latvja tisħaq li r-riskji assoċjati mat-tnaqqis propost tal-limitu għall-valuri PN mingħajr perjodu tranżitorju mill-ammont rakkomandat attwalment  $1\,000\,000\text{ l/cm}^3$  għal  $250\,000\text{ l/cm}^3$ . Bħala soluzzjoni aktar xierqa, naraw perjodu tranżitorju ta' sentejn b'limitu ta'  $1\,000\,000\text{ l/cm}^3$ , li warajh il-limitu jista' jitnaqqas jekk l-użu tat-teknoloġiji jirriżulta fil-prattika u dment li l-Istati Membri jaqblu ma' tali approċċ.

**Ċertifikati u penali temporanji tal-affidabbiltà stradali:** Il-Latvja tappoġġa l-progress lejn l-armonizzazzjoni tal-qafas taċ-ċertifikati temporanji. Madankollu, minħabba li bħalissa għad hemm sistema b'rekwiżiti differenti tal-ittestjar tal-affidabbiltà stradali f' Stati Membri differenti, ninnutaw problemi prattiċi minħabba nuqqas ta' kriterji komuni u validazzjoni. Barra minn hekk, il-formulazzjoni proposta ma tillimitax espressament l-użu taċ-ċertifikat temporanju, jiġifieri, li għandu jintuża biss għall-fini tar-ritorn lejn l-Istat Membru tar-reġistrazzjoni tal-vettura għall-fini tat-twettiq tat-test regolari tal-affidabbiltà stradali, u mingħajr dewmien wara r-ritorn lejn l-Istat Membru tar-reġistrazzjoni.

**Applikazzjoni tal-penali:** Il-Latvja hija mħassba dwar ir-rekwiżit obbligatorju li jiġu imposti penali għall-manipulazzjoni tas-sistemi tal-vetturi kemm waqt it-testijiet tal-affidabilità stradali kif ukoll waqt il-kontrolli fit-triq. Minħabba li ż-żewġ tipi ta' spezzjonijiet ma jivvalutawx ir-raġunijiet għaliex installazzjoni jew sistema ma tkunx qed taħdem u, barra minn hekk, ir-raġunijiet humiex jew jistgħux ikunu r-riżultat ta' manipulazzjoni, nemmnu li r-rekwiżit li jiġu previsti penali effettivi fil-formulazzjoni proposta tagħha huwa dikjaratorju u ma għandu l-ebda valur miżjud Prattiku."